MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2010

Citazzjoni Numru. 504/2009

**Carmelo Caruana Company Limited (C. 9616).**

**vs.**

**L-Avukat Dottor Andrew Chetcuti Ganado (I.D. Nru. 352272(M)) u John Abela (I.D. Nru. 495462(M)) bhala stralcjarji ghan-nom u in rappresentanza tal-kumpanija Sea Malta Company Limited (C. 2764).**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tal-kumpanija Carmelo Caruana Company Limited C-9616 datat 26 ta’ Mejju 2009 a fol. 1 tal-process fejn ippremetiet:-

Illi s-socjeta` konvenuta ppresentat fil-25 ta' April 2008 rikors guramentat fl-ismijiet inversi (Rik. Nru. 420/08 GCD) li fih talbet li s-socjeta` attrici tigi kundannata thallasha s-somma ta' €26,948.40 (ekwivalenti ghal Lm11,568.95) rappresentanti bilanc dovut fuq somma akbar bhala prezz ta' servizzi ta' garr u servizzi ohra rezi lill-kumpanija intimata.

Illi s-socjeta' attrici bi zvista u zgur mhux b'nuqqas ta' rispett lejn din Onorabbli Qorti, baqghet kontumaci, b'sentenza tat-28 ta' Novembru 2008 is-socjeta` attrici giet kundannata thallas is-somma ta' €26,948.40 bl-imghax u spejjes. (Dok. “A”).

Illi fil-fatt is-socjeta` attrici ma kellha taghti xejn lill-kumpanija Sea Malta Company Limited billi kull ammont li kien lilha dovut kien gie pacut kif jidher mill-i*statement* hawn anness bhala dokument “B” billi fl-Accounts tal-istess kumpanija konvenuta giet imdahhla s-somma ta' Lm2,428.04 biss mis-somma ta' Lm14,763.07 rejalment pacuta.

Illi skond l-*email* datat 7 ta' Marzu 2006 (Dok “C”) Moira Camilleri impjegata tas-socjeta` konvenuta avzat lis-socjeta` attrici li l-bilanc dovut, wara t-tpacija bejn il-kumpanija, kien ta' *circa* Lm13,000 u skont l-*email* tad-9 ta' Marzu 2006 (Dok “C”) b'risposta s-socjeta` attrici nfurmat lis-socjeta` konvenuta li ser thallas il-bilanc dovut ta' Lm13,331.24, u fil-fatt dan il-bilanc thallas fid-9 ta' Marzu 2006 kif jidher mid-dokument “D” anness.

Illi minkejja li s-socjeta` konvenuta kienet giet avzata qabel ma pprezentat ir-rikors fuq imsemmi li s-socjeta` attrici ma ghandha taghti xejn *in vista* tat-tpacija fuq imsemmija skont kif jidher mill-ittra tat-3 ta' Mejju 2006 (Dok “E”), mibghuta mill-konsulent legali tas-socjeta` konvenuta lill-konsulent legali tas-socjeta` attrici, din xorta pprezentat il-kawza qabel imsemmija.

Illi wara li inghatat is-sentenza fuq imsemmija giet zkambjata korrispendenza bejn il-partijiet, izda is-socjeta`

konvenuta baqghet tinsisti ghall-pagament u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tiddecidi illi fid-data tal-presentata tar-rikors guramentat fuq imsemmi s-socjeta` attrici ma kellha taghti xejn lis-socjeta` Sea Malta Company Limited kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Tiddikjara s-sentenza tat-28 ta' Novembru 2008 fuq imsemmija ineffikaci u bla effett.

3. Tawtorizza lill-istralcjarji jaghmlu l-annotamenti rilevanti u necessarji fil-kotba tal-kumpanija Sea Malta Company Limited.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti *nomine* li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni. B'riserva ta' kull azzjoni ohra ghad-danni spettanti lis-socjeta` attrici.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 sa fol 10 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-17 ta' Gunju 2009.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti L-avukat Dottor Andrew Chetcuti Ganado (ID 352272M) u John Abela (ID 495462M) bhala stralcarji ghan-nom u in rappresentanza tal-kumpannija Sea Malta Company Limited (C2764) datata 22 ta' Gunju 2009 a fol. 18 tal-process fejn eccepew:-

Dwar il-fatti dikjarati mill-attrici:

Illi l-fatti dikjarati fl-ewwel paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici ma humiex kontestati salv il-verifika tad-dokumenti opportuni.

Illi l-fatti dikjarati fit-tieni paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huma kontestati.

Illi l-fatti dikjarati fit-tielet paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huma kontestati billi l-eccipjenti ipprezentaw il-kawza in kwistjoni sabiex jissalvagwardjaw id-drittijiet tal-kumpannija Sea Malta Company Limited u jigbru s-somom lilha dovuti.

IIi l-fatti dikjarati fir-raba' paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huma wkoll kontestati billi il-kumpanija Sea Malta Company Limited kellha tigbor minghand il-kumpanija Carmelo Caruana Company Limited is-somma indikata fic-citazzjoni premessa 420/08GCD, somma bilancjali li kienet certa likwida u dovuta. Illi fi kwalsiasi kaz il-korrispondenza premessa mill-attrici hija msemmija barra mill-kuntest taghha u dan fis-sens li ma kien permess mil-ligi ebda set-*off* f'dan il-kaz.

Illi l-fatti dikjarati fil-hames paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huma kontestati billi l-kumpanija Sea Malta Company Limited agixxiet biex tigbor dak legalment dovut lilha skont il-ligi u dan wara li, minkejja li kienet interpellata ghall-hlas il-kumpannija attrici baqghet ma saldatx il-kont.

Illi l-fatti dikjarati fis-sitt paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici ma humiex kontestati u dan biss fis-sens li wara li l-attrici ma hallsitx l-eccipjenti pprocedew biex jinforzaw is-sentenza.

Ghaldaqstant l-eccipjenti qieghdin bil-prezenti jressqu s-segwenti eccezzjonijiet:-

1. IIi qabel xejn Tonio Micallef li halef ic-citazzjoni attrici ghandu juri li kellu r-rappresentanza tal-kumpanija ghal dan l-iskop u fin-nuqqas ir-rikors guramentat ghandu jigi dikjarat bhala null u ineffettiv billi ma giex mahluf kif tirrikjedi il-ligi.

2. Illi l-azzjoni prezenti ma hijiex permissibbli in kwantu tittenta tattakka sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili li ghaddiet in gudikat u dan billi skont il-ligi hemm biss zewg

rimedji disponibbli lill-parti telliefa f'kawza u dawn ir-rimedji jikkonsistu biss f'appell jew talba ghar-ritrattazzjoni - l-azzjoni attrici la hi wahda u lanqas l-ohra.

3. IIIi bla pregudizzju ghas-suespost ir-*res judicata* in kwantu jirrigwarda l-ewwel u t-tielet talba attrici u dan bis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet inversi (420/08GCD).

4. Illi fil-mertu, kompletament minghajr pregudizzju ghas-suespost ghandu jinghad li s-sentenza tat-28 ta' Novembru 2008 tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet inversi (420/08GCD) kienet gusta fil-fatt kif ukoll fid-dritt.

5. Illi fil-mertu, u fi kwalsiasi kaz, l-attrici ma tistax tilmenta minn sentenza li hi stess naqset milli tikkontesta minkejja li kienet debitament notifikata u f'dan ir-rigward l-azzjoni minnha proposta ma hi xejn hlief abbuz tal-process gudizzjarju.

6. Illi t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigi michuda bl-ispejjez kontra taghha.

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun l-kaz.

Rat il-lista tax-xhieda tal-intimati a fol 20 tal-process.

Rat in-nota tal-kumpanija rikorrenti datata 27 ta' Lulju 2007 a fol 22 tal-process.

Rat in-nota responsiva tal-intimati datata 18 ta' Novembru 2009 a fol 26 tal-process

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti fejn fis-seduta tal- 4 ta' Marzu 2010 meta issejhet il-kawza dehret Dr. Jacqueline Borg ghall-konvenuti. Id-difensuri tas-socjeta` attrici msejha diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Mejju 2010. Aktar tard deher Dr. Joseph Camilleri li ha konjizzjoni ta' dan il-verbal.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi jirrizulta li s-socjeta' konvenuta kienet fethet kawza kontra s-socjeta' attrici odjerna fl-ismijiet **"L-Avukat Andrew Chetcuti Ganado u John Abela bhala stralcarji f'isem il-kumpanija Sea Malta Company Limited vs. Carmelo Caruana Company Limited" (Rikors. Guramanentat Numru 420/2008/GCD)** ghall-hlas tas-somma ta' €26,948.40, bilanc tal-prezz ghall-servizzi ta' garr li hija tat lis-socjeta' konvenuta, u jirrizulta li s-socjeta' konvenuta ghalkemm notifikata, ma wegbitx fiz-zmien li taghti l-ligi, u allura l-Qorti kif diversament presjeduta ghaddiet sabiex taghti s-sentenza taghha datata 28 ta' Novembru 2008 fejn laqghet it-talbiet tas-socjeta' attrici f'dik il-kawza, u laqghet it-talba taghha sabiex is-socjeta' konvenuta f'dik il-kawza thallas l-ammont mitlub ta' €26,948.40 flimkien mal-imghax legali mitluba fir-rikors u l-ispejjez kollha tal-kawza.

Illi f'dik l-istess socjeta' konvenuta, Carmelo Caruana Limited, qeghda tghid li ma kien hemm l-ebda ammont dovut, *stante* li l-ammont rikjest kien realment gie pacut, ghaliex is-socjeta' konvenuta odjerna kienet sostniet fis-7 ta' Marzu 2006 (Dok. "C") li kull ma kellu jithallas kien l-ammont ta' Lm13,000, liema ammont fil-fatt thallas fid-9 ta' Marzu 2006 (Dok. "D"), u tghid li s-socjeta' attrici kienet informat b'dan lis-socjeta' konvenuta permezz ta' ittra datata 3 ta' Mejju 2006, u ghalhekk qabel ma nfethet il-kawza Citaz. Numru 420/2008, izda minkejja dan xorta saret il-kawza u minhabba l-kontumacja taghha, hija giet ikkundannata thallas l-ammont hemm kanonizzat

b’sentenza tat-28 ta’ Novembru 2008 (Dok. “A”), meta skont hija l-ammont mhux dovut, u allura qed titlob li jigi ddikjarat li s-sentenza tat-28 ta’ Novembru 2008 ma hijiex effikaci u bla effett, li fid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat numru 420/2008/GCD (ara nota attrici datata 27 ta’ Lulju 2009) hija ma kellha taghti xejn lis-socjeta’ konvenuta, u sabiex l-istralcarji jaghmlu l-annotamenti necessarji fil-kotba tas-socjeta’ konvenuta, sabiex jigi ndikat li s-socjeta’ attrici ma thallas xejn lis-socjeta’ konvenuta odjerna.

Illi l-ewwel eccezzjoni li ghandha tigi trattata hija dik ta’ *res judicata* u dan peress li jekk tintlaqa’ din l-eccezzjoni, l-kawza attrici ma tkunx tista’ tirnexxi.

Illi fis-sentenza **“Anthony Borg et vs Anthony Francis Willoughby et”** (P.A. (JRM) - Cit.Nru: 1792/1999/1 – 28 ta’ Marzu 2003) intqal:-

*“Eccezzjoni bhal din ma tinvolvi l-ebda kontestazzjoni ta’ fatt izda hi wahda ta’ natura prettament guridika. Huwa importanti pero’, u ghandu jinzamm dejjem in mira, illi l-principji legali nvoluti jridu jinqraw mhux biss fl-isfond tal-gurisprudenza stabbilita in materja izda fuq kollox unitament mal-fatti partikolari tal-kaz taht diskussjoni u tal-portata tas-sentenza precedenti………..”*

*“Tajjeb li qabel kull kunsiderazzjoni ohra tigi ribadita l-enuncazzjoni kaptata mid-decizjoni fl-ismijiet **‘Francesco Aquilina vs Neg. Giuseppe Gasan et’,** Appell Kummerc, 5 ta’ Novembru 1934:-*

*Illi dan peress “exceptio rei judicatae” ghandha bhala fundament il-fatt ta’ l-interess pubbliku, u wkoll ghaliex “interest rei publicae ut sit finis litiu”. Sentenza li ghaddiet “in giudicatio”, jigifieri li ma’ tista’ tappella minnha izjed, hija mizmuma tajba u sewwa u tal-haqq - “res judicata pro veritate habetur” – jigifieri l-fundament ta’ l’ “actio” u ta’ l-“exceptio judicat”’ hija preskrizzjoni legali, u ghalhekk hija “strictissimae interpretationis”.*

Illi fis-sentenza **“Charles Cortis vs Francis X. Aquilina et”** (P.A. (JRM) - Cit.Nru: 766/2000/1 – 25 ta’ Settembru 2003) gie riaffermat li:-

*“Tlieta huma l-elementi li jmisshom jigu murija minn min iqanqal l-eccezzjoni biex din issehh. Dawn l-elementi huma l-istess oggett (eadem res), l-istess partijiet (eadem personae) u l-istess mertu eadem causa petendi). Huwa siewi li wiehed izomm quddiem ghajnejh ukoll il-massima li biex dik l-eccezzjoni tirnexxi jehtieg li t-tliet elementi jkunu jikkonkorru ghax, fin-nuqqas, ma jistax jinghad li l-haga hija l-istess (nisi omnia concurrunt, alia res est).” (vide* **“Joseph Camilleri vs Lilian Mallia” .**

Illi, konsegwenza ta’ dan l-eccezzjoni tal-gudikat naturalment ghandha bhala sisien taghha l-interess pubbliku u hija mahsuba biex thares incertezza tal-jeddijiet li jkunu gew definiti f’sentenza, u li tbieghed il-possibilita’ ta’ decizjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibilita’ ta’ kwistjonijiet li jibqghu miftuha bi hsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun inghatat; minhabba fil-fatt li dik l-eccezzjoni timmira li twaqqaf azzjoni li jkun altrimenti jisthoqqilha tigi meqjusa minn qorti, l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha tkun ta’ interpretazzjoni stretta, tant li, f’kaz ta’ dubju, l-gudikant ghandu jaqta’ kontra dik l-eccezzjoni **(“Francesco Aquilina vs Neg. Giuseppe Gasan et”** (A.K. 5 ta’ Novembru 1934).

Illi, min-naha l-ohra, dan il-principju huwa bilancjat b’dak l-iehor daqstant importanti li, fejn kwistjoni tkun giet definita u trattata, s-sentenza ssir irrevokabbli jekk, wara li tigi appellata jew ritrattata, tigi konfermata; jew, jekk ma tigix appellata jew ritrattata fiz-zmien li tippreskrivi l-ligi, ma ssir l-ebda procedura ohra li tattakka lil dik is-sentenza. Dan il-principju jissahhah meta l-kwistjoni li dwarha tinfetah it-tieni kawza jkun diga’ jezisti fil-waqt li tinghata s-sentenza fl-ewwel kawza.

Illi ghalhekk isegwi li l-eccezzjoni tal-gudikat tintrabat ma’ l-ezistenza ta’ sentenza; il-kwistjoni hija jekk tintrabatx biss mal-parti dispozittiva taghha (fil-kliem strettament uzati mill-gudikant fl-ewwel sentenza) jew inkella jekk

tintrabatx ukoll mal-konsiderazzjonijiet jew motivazzjonijiet li jintaghmlu u li jwasslu ghal dik is-sentenza; fuq dan il-punt inghad diversi drabi li l-gudikat isir japplika mhux biss dwar dak li jkun gie espressament dibattut fil-kawza li s-sentenza taghha titqieghed bhala l-bazi tal-eccezzjoni tal-gudikat, imma japplika wkoll dwar dak li messu jew seta' gie diskuss u ma jkunx gie diskuss mill-parti li kellha interess li tiddiskutih. Il-bidla jew differenza fil-mottivi tal-*causa petendi* fit-tieni provediment ma jgibx fix-xejn il-gudikat.

Illi dan huwa wkoll konferma ta' gurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati, inkluz dak li gie *sottolineat* fis-sentenza **"Rabat Construction Ltd vs Cutajar Construction Company Limited"** (P.A. (RCP) - Cit.Nru: 1209/00/RCP – 9 ta' Jannar 2002) anke ghal dak li jirrigwarda l-*eadem res,* fejn intqal li din *"tinkorpora li l-oggett mitlub fit-talba l-gdida hu identiku ghal talba precedenti li giet determinata minn sentenza li ghaddiet in gudikat".*

Illi ghar-rigward tal-*eadem causa petendi,* din il-kondizzjoni tirrikjedi li *"the cause of the claim"* kontenuta fit-talba l-gdida, tkun l-istess bhat-talba precedenti u li giet deciza minn sentenza li ghaddiet in gudikat.

Illi l-***Prof. Caruana Galizia*** f'**"Notes on Civil Law"** (Pt.IV p.1428) spjega li l-*causa petendi* hi *"the title on which the demand is based"* . Illi ghalhekk, din hija t-titlu, cioe', l-fatt guridiku li fuqu d-dritt pretiz hu bbazat. Illi sabiex il-kundizzjoni ta' l-*eadem causa petendi* tirnexxi, irid jigi ppruvat li l-kawzali kontenuti fit-talba l-gdida hi fondata fuq l-istess fatt guridiku li kien jifforma l-bazi tat-talba precedenti, li giet determinata b'sentenza li ghaddiet in gudikat.

Illi dwar l-*eadem personae*, fis-sentenza fl-ismijiet **"Innocenza Debattista et vs Giovanni Farrugia"** (P.A. 13 ta' Frar 1958 – Vol. XLII.ii.917) il-Qorti qalet li *"biex ikun hemm il-gudikat, jehtieg…li s-sentenza ta' qabel kienet giet maqtugha f'kawza bejn l-istess persuni…"* Illi pero' dan ma jfissirx li *"l-promoturi tal-istess procedura setghu jipproponu mill-gdid kawza identika bl-inseriment*

*ta' persuna taghhom ma kinitx verament necessarja mill-aspett legali"* **("Igino Trapani Galea Feriol et vs Jane mart Jimmy Agius et" –** A.C. 2 ta' Lulju 1996 – LXXX.ii.804**).**

Illi abbazi ta' dawn il-principji kif enuncjati, jinghad li r-rekwizit ta' *eadem personae* huwa sodisfatt.

Illi jinghad li l-*eadem res* u l-*eadem causa petendi* huwa l-istess peress li fiz-zewg proceduri jidher li jikkoncernaw ammont li s-socjeta' Sea Malta Company Limited ippretendiet li ghandha tiehu minghand is-socjeta' konvenuta Carmelo Caruana Company Limited li tressaq il-quddiem permezz tal-kawza Numru 420/2008 deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta, ghaliex is-socjeta' attrici odjerna baqghet kontumaci, b'sentenza datata 28 ta' Novembru 2008, fil-waqt li llum s-socjeta' attrici odjerna (dik konvenuta fil-kawza deciza) Carmelo Caruana Company Limited qed tghid li l-istess ammont deciz fl-istess sentenza, ma huwiex dovut ghaliex kien gie pacut, eccezzjoni li setghet tqajjmet fil-kawza deciza, izda ma tqajmitx mill-istess socjeta' konvenuta ghaliex baqghet kontumaci. B'hekk din il-Qorti thoss li dak li qed taghmel is-socjeta' attrici odjerna, hija li tittenta tiftah mill-gdid il-mertu tal-kawza deciza bejn iz-zewg partijiet li llum ghadda in gudikat, meta dan ma huwiex permess mil-ligi taghna, la darba ma sarx appell, u la darba din lanqas ma hija kawza ta' ritrattazzjoni (**"Dr. Jose' Herrera nomine vs Anthony Cassar et nomine"** – A.K. – 5 ta' Ottubru 1992). B'hekk is-socjeta' attrici odjerna ma tistax permezz ta' din il-kawza terga tiftah it-trattazzjoni ta' l-istess punti, jew ta' punti li setghu tqajjmu liberalment u facilment fl-istess kwistjoni li gja gew jew setghu gew diskussi fl-ewwel kawza li ghaddiet in gudikat bis-sentenza fuq citata (**"Antonio Abela vs Giuseppi Fenech"** – P.A. 28 ta' Frar 1946) u **"P.L. Roberto Tabone nomine vs Joseph Cannataci"** – P.A. 6 ta' Marzu 1946; **"Salvina Pullicino et vs Carmel Busuttil"** P.A. (RCP) – 26 ta' Gunju 2008).

Illi ghalhekk fir-rigward taz-zewg kawzi din il-Qorti hija sodisfatta illi huma identici u li jkopru l-istess mertu u

jwasslu ghall-istess ezitu u dan peress li jirrizulta li t-talbiet f'din il-kawza u dak li gie deciz mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ewwel kawza hemm impossibilita' ta' ko-ezistenza, u dan fuq il-bazi tal-principju li l-eccezzjoni ta' *res judicata* tapplika wkoll meta parti tippretendi li tista' tinnewtralizza l-effikacja ta' gudikat billi tippromwovi proceduri li huma diametrikament opposti ghal dawk tal-gudikat (**"Rabat Construction Limited vs Cutajar Construction Limited" –** P.A. (RCP) – 9 ta' Jannar 2002).

Illi kif inghad fis-sentenza **"Perit Joseph Barbara et vs Segretarju tal-War Damage Commission"** (P.A. (RCP) – 25 ta' Marzu 2010) fil-fatt l-effett tat-talbiet odjerni huma dawk li jinnewtralizzaw u jmorru kontra dak li gie deciz fis-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta, u effettivament dak li gie deciz fl-ewwel sentenza jimpingi u huwa fatali ghal dak li huwa l-mertu ta' din il-kawza. Fil-fatt tali azjoni hija *"un occassione permanente di turbative nella societa' e per conseguenza un attentato all'ordine pubblico"* ***(Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile – Baudry Lacanterie –*** Vol. IV.p.359 para. 2665) u allura attentat sabiex tigi snaturata d-duttrina tar-*res judicata.* F'dan il-kuntest din il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mis-socjeta' konvenuta anke fin-nota taghha tat-18 ta' Novembru 2009, b'risposta ghan-nota attrici datata 27 ta' Lulju 2009.

Illi ghalhekk din il-Qorti filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni ta' *res judicata* sollevata mis-socjeta' konvenuta, tichad it-talbiet attrici *stante* li huma ghalhekk improbonibbli.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni ta' *res judicata* sollevata mis-socjeta' konvenuta, **tichad it-talbiet attrici** stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif hawn deciz.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------